HPDPMalta

www.healthpromotion.gov.mt

Għal mistoqsijiet relatati ma' saħħa żur is-sit
**covid19health.gov.mt**

Ⓟ 2020

**COVID-19 HELPLINE 111**

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

COVID-19 INFO PAGE

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

# Informazzjoni għal persuni li jagħmlu **t-test tal-COVID-19 fil-COVID Ċentru tal-Ittestjar** Ħal Luqa

## X'inhi l-COVID-19

*Coronaviruses* jappartjenu lil familja ta' *viruses* li jikkawżaw infezzjoni fil-bniedem u f'varjetà ta' annimali.

It-tiftix ta' infezzjonijiet minn *viruses* ġodda fost in-nies huma dejjem ta' tħassib għas-saħħa pubblika partikolarment meta jkun hemm ftit għarfien dwar il-karateristiċi tal-*virus*, kif tinfirex fost in-nies, kemm huma severi l-infezzjonijiet li jirriżultaw u kif titrattahom.

COVID-19 huwa l-isem li ngħata lill-*virus* li qiegħed jikkawża t-tfaqqigħ tal-*coronavirus* il-ġdid 2019. Hemm ħafna tipi ta' *coronaviruses* umani, inkluż ftit li jikkawżaw mard ħafif respiratorju. COVID-19 huwa marda ġdida, ikkawżata minn *coronavirus* ġdid li l-bniedem ma kienx iltaqa' miegħu qabel.

## Kif jinfirex

*Coronaviruses* jistgħu jinfirxu minn bniedem għal bniedem wara li jkun hemm kuntatt mill-qrib ma' persuna infettata. Dan jista' jiġri billi tiġi f'kuntatt ma' qtar li joħroġ meta wieħed jisgħol jew jagħtas. Barra minn hekk jista' jkun trasmess ukoll permezz tal-idejn u jikkontamina oħrajn jew billi jintmessu wċuħ kontaminati.

## Struzzjonijiet għal meta toħroġ miċ-Ċentru tal-Ittestjar

- **Jekk jogħġbok mur dritt id-dar u tieqaf imkien tul it-triq.**
- **Huwa rakkomandat li kemm int u kemm il-persuna li tkun qegħda takkumpanjak tibqgħu fi kwarantina sakemm ikun hemm ir-riżultat tat-test u tingħataw parir mill-professjonist tas-saħħa pubblika permezz tat-telefon dwar x'għandkom tagħmlu.**
- **Jekk jogħġbok innota li jekk ġejt lura minn kull pajjiż, int xorta tkun meħtieġ li tibqa' taħt kwarantina għal 14-il ġurnata mid-data tar-ritorn.**

## Kwarantina mandatorja

Kwarantina mandatorja tfisser li għandek toqgħod id-dar, u li ma toħroġx għall-perjodu meħtieġ ta' 14-il ġurnata iżolament. Tul dawk il-ġranet għandhom ikunu d-dar dawk biss li normalment jgħixu fl-istess dar. Tħallix li jiġu viżitaturi d-dar. Dawk li jkunu taħt kwarantina għandhom jittestjaw it-temperatura darbtejn kuljum. Għandha tingħata wkoll attenzjoni għal sintomi ta' sogħla, qtugħ ta' nifs u/jew deni. Jekk jiżviluppa xi ħaġa minn dawn itlob l-għajnuna fuq il-***helpline* tas-saħħa pubblika 111**. Membri tal-familja u oħrajn li jgħixu fl-istess post jridu joqogħdu taħt kwarantina huma wkoll u josservaw l-istess regoli. Dawk li jkunu għamlu 14-il ġurnata kwarantina u ma kellhom ebda sintomi huma liberi li jkomplu bl-attivitajiet tagħhom tas-soltu.

Viżitaturi li jiġu Malta huma obbligati wkoll joqogħdu taħt kwarantina mandatorja fl-akkomodazzjoni tagħhom. Ikunu jistgħu jitilqu minn Malta qabel ma jkun għadda l-perjodu ta' 14-il ġurnata kemm-il darba ma jkunux żviluppaw sintomi.

**COVID-19 HELPLINE 111**




## Komunikazzjoni tar-riżultat tat-test

Ir-riżultat ta' li swab test jiġi komunikat lilek fi żmien 36 siegħa minn meta jkun sarlek it-test.

Dan ikun komunikat lilek permezz ta' telefonata u tingħata l-parir dwar x'passi għandek tieħu wara.